**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 014/2019**

16 ta' Marzu 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera
James Cauchi - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha. Is-Sindku bdiet billi f'isem il-membri tal-Kunsill Lokali ghaddiet il-kondoljanzi lis-Sa. Noyah Spiteri Hammett ghat-telfa ta' qariba taghha.

## 14.1 Qari ta' ittri ta' apologija

14.1.1 Ma kienx hemm

## 14.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

14.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 13 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

14.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

14.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 14.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

14.3.1 Is-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar laqgha li kellha mal-Onor. Julia Farrugia. Is-Sindku ziedet tghid illi waqt l-imsemmija laqgha, kienu gew diskussi numru ta' materji ta' interess ghall-Kunsill Lokali

14.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera b'laqgha illi l-Kunsillier Martin Vella kellu ma' rapprezentanti tal-Gvern Centrali u artist rigward il-monument bl-isem 'Dghajsa tar-rih' li kien qieghed jigi ppjanat li jigi installat f'bacir numru 1 u tat rendikont ta' dak li kien gie diskuss.

## 14.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

14.4.1 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet : Nixtieq nsaqsi jekk hux possibbli li bhala Kunsill Lokali jinfethu diskussjonijiet mal-Ministeru tal-akkomodazzjoni socjali minhabba l-problema kbira ta' housing socjali li hawn. U hekk diga' kien hemm xi diskussjonijiet ma' dan il-ministeru possibbli li jergghu jinfethu?
Is-Sindku wiegbet : Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-problema ta' akkomodazzjoni socjali waqt li kien qieghed jigi diskuss progett illi l-istess ministeru kien qieghed jimplimenta fi Triq l-Irlandizi. Jistghu jergghu jinfethu d-diskussjonijiet ghalkemm nemmen illi ftit hemm x'jista' jsir.

## 15.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

14.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru003/20) ghall-approvazzjoni.

14.5.2 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

14.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Frar 2020.

14.5.4 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondat mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**14.6 Sejhiet ghall-offerti/ kwotazzjonijiet**

14.6.1 Is-Sindku qalet illi kien wasal fil-fazijiet finali il-process li jigu ffrimati l-kuntratti ghaz-zamma u manutenzjoni ta' gonna u 'soft areas' u tal-gbir ta'

13.6.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi mal-obbligu legali u jinforma lill-Ministru bic-cirkostanza. Peress illi s-Sa. Agius kienet informat lill-Kunsill Lokali bin-nuqqas tieghu ghas-seduti rispettivi u tat gustifikazzjoni, liema gustifikazzjoni giet ikkunsidrata bhala valida, kellha ssir rakkomandazzjoni bil-ghan illi l-Ministru ma jiddikjarax il-post tas-Sa. Agius bhala vakanti.

**14.7 Skema CIES2.**

14.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi mil-lista ta' individwi li kienet baghtet Jobsplus, kien hemm zewg persuni li kienu wrew interess li jimlew il-post vakanti fi hdan il-Kunsill Lokali. Miz-zewg persuni msemmija, kien hemm persuna li kienet attendiet ghal interview filwaqt li l-persuna l-ohra kienet infurmat lill-Kunsill Lokali li kienet rikoverata l-isptar.

14.7.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi qabel jiehu d-decizjoni dwar min kellu jigi impjegat, il-Kunsill Lokali kelli jaghti cans lit-tieni persuna sa tmiem Marzu 2020 sabiex tkun tista' tirkupra u tattendi ghal interview.

**14.8 Attivitajiet**

14.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi minhabba s-sitwazzjoni li kienet inholqot b'konnessjoni mal-marda COVID-19 u direttivi li kienu inhargu mill-Gvern Centrali kienet ser tkun qieghda tigi mhassra b'mod definit attivita' li l-Kunsill Lokali kien qieghed jevalwa li tittella' nhar id-29 ta' Marzu 2020.

**14.9 Il-Gimha Mqaddsa (Il-Gimgha l-kbira u l-Ghid)**

14.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi minhabba s-sitwazzjoni li kienet inholqot b'konnessjoni mal-marda COVID-19 u direttivi li kienu inhargu mill-Gvern Centrali, il-Kunsill Lokali ma setax jippjana illi jtella' attivitajiet fl-okkazjoni tal-festi tal-Gimgha l-Kbira u l-Ghid Imqaddes

14.9.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'mod definit, u wara li ddiskutiet mal-Vici-Sindku, kienet ser tkun qieghda tithassar ukoll esibizzjoni relatata mal-Gimgha l-Kbira li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li tittella' fil-binja amministrativa tal-Kunsill Lokali.

**14.10 Fondi ghall-attivitajiet u inizjativi kulturali (AKL)**

14.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien issottometta bil-ghan illi jsiru pavaljuni tal-hadid fi Triq id-Dejqa, il-Kunsill Lokali kien gie notifikat mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali illi l-progett kien gie accettat.

13.10.2 Is-Sa. Zerafa Civelli saqhet illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb tigbor l-istimi ghax-xogholijiet, bl-orhos offerta tkun tammonta ghal tliet mija u ghoxrin ewro (VAT inkluz). Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jordna tlettax il-struttura bil-ghan illi jsiru pavaljuni matul Triq id-Dejqa kollha. L-ispiza totali kellha tammonta ghal erbat disa' mija u tmien ewro u tmenin centezmu, b'Ewro 2839.26 li kienu ser ikunu koperti mill-progett iffinanzjat mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali u Ewro2069.54 jinhargu minn fondi tal-Kunsill Lokali.

**14.11 Laqgha annwali**

14.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi skont l-att dwar il-Gvern Lokali (Art 70(1)(b)), il-Kunsill Lokali kellu sa mhux aktar tard mill-hmistax il-jum ta' April 2020, izomm laqgha annwali li permezz taghha jipprezenta r-rapport amministrattiv, ir-rapporti Finanzjarji u l-Pjan ta' Hidma.

14.11.2 Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-imsemmija laqgha kellha tinzamm nhar it-13 ta' April 2020 fil-5:00p.m.

**14.12 General Data Protection Regulations**

14.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali kellu ma' *Boom Consultancy & Advisory Services* kien wasal biex jaghlaq u kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar jekk kellux jigi estiz il-kuntratt b'sena kalendarja. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-istess kumpanija kienet offriet li taghmel ix-xoghol ta' Data Protection Officer ghall-prezz ta' erbat eled u hamsin ewro (VAT eskluz).

14.12.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellu jkun hemm estensjoni tas-servizzi li l-Kunsill Lokali kien jikri minghand l-imsemmija kumpanija.

**14.13 Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali.**

14.13.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej hekk kif ippjanat ix-xoghol fil-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali. Fir-rigward wara li ngabru numru ta' stimi hekk kif legalment stipulat, kien hemm qbil illi kellhom jigu ordnati s-segwenti servizzi/prodotti :

- Xiri ta' dwal ghall-ufficcju amministrattiv minghand il-kumpanija Light and Shade ghall-prezz ta' €520.00
- Xiri ta' zewg televixins 32" bil-ghan illi jservu ta' notice board u monitor fl-ufficcju amministrattiv minghand Aercomms ghall-prezz ta' €318.
- Xiri ta' punch clock minghand ICT services ghall-prezz ta' €446.50.
- Xiri ta' servizz madum u sett ta' kamra tal-banju minghand Alex Mercieca Ltd. ghall-prezz ta' €986.
- Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jordna erba' bibien u frejm ta' hgiega maghmula minn materjal maghruf bhala 'tulip' minghand is-Sur Kenneth Buhagiar ghall-prezz ta' €3095.
- Xiri ta'

**14.14 Small Grant Scheme for Urban Local Councils**

14.4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet giet sottomessa applikazzjoni b'konnessjoni mal-iskema *Small Grant Scheme for Urban Local Councils*. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, kienet inqalghet diffikulta' peress li l-Kunsill Lokali tal-Isla, li orignarjament kien qabel li jkun imsieheb fil-progett kien irtira bil-konsegwenza illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kellha tirrevedi l-applikazzjoni originali f'qasir zmien.

**14.15 The LC care Project Grant Support Scheme**

14.5.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem fuq l-imsemmi progett. Madanakollu, kien hemm diffikulta' ghaliex il-Kunsill Lokali ma kienx qieghed jircievi l-feedback mitlub minn CSAF. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi fir-rigward, kienet ser tkun qieghda ssir pressjoni bil-ghan illi x-xoghol fuq il-progett jibda' ghaddej.

**14.16 Rapporti**

14.16.1 Il-Kunsillier Martin Vella ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport dwar bus stop li kien qieghed jigi propost li jsir fi Triq Wigi Rosato. Ir-rapport kien jindika sit li dwaru kien intlehaq qbil waqt laqgha li kienet inzammet fuq il-post. Kien hemm

qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kemm il-darba jinhargu l-permessi mehtiega, il-Kunsill Lokali kien jaqbel mal-proposta.

14.16.2 Is-Sindku qrat rapport dwar korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali u li kienet tinhtieg decizjoni:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienet waslet stedina ghall-okkazjoni tac-cerimonja tal-Premju ghall-Arti.
- Kien hemm qbil illi kellha tinhareg awtorizzazzjoni lil sid ta' stabbiliment ghall-okkazjoni tal-Ghid il-Kbir.

**14.17 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

14.17.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-7:25p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-13 ta' April 2020 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum <u>13 ta' April 2020</u>

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |